DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-14 ta' Lulju 2010

li ttemm il-proċedura antidumping rigward l-importazzjoni ta' ċerti qfieli tal-istainless steel u partijiet tagħhom li joriġinaw mill-Indja u mill-Malażja

(2010/392/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. **Proċedura**

(1) Fit-30 ta' Ġunju 2009 il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") rċiviet ilment dwar dumping inġurjuż allegat ta' ċerti qfieli tal-istainless steel u partijiet tagħhom li joriġinaw mill-Indja u l-Malażja ("il-pajjiżi kkonċernati").

(2) L-ilment tressaq mill-European Industrial Fasteners Institute ("EIFI") f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw proporzjon kbir, f'dan il-każ ta' aktar minn 25 %, tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' ċerti qfieli tal-istainless steel skont l-Artikoli 4(1) u 5(4) tar-Regolament bażiku.

(3) L-ilment kien fih evidenza *prima facie* tal-eżistenza ta' dumping u ta' ħsara materjali li rriżultat minnu, li tqieset biżżejjed biex ikun iġġustifikat il-bidu ta' proċediment antidumping.

(4) Wara li kkonsultat mal-Kumitat Konsultattiv, il-Kummissjoni tat-bidu, b'avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [2], għal proċedura antidumping li tikkonċerna l-importazzjoni fl-Unjoni ta' ċerti qfieli tal-istainless steel u partijiet tagħhom li joriġinaw mill-pajjiżi kkonċernati, li jidħlu fil-klassifikazzjonijiet tal-kodiċi NM 7318 12 10, 7318 14 10, 7318 15 30, 7318 15 51, 7318 15 61, u 7318 15 70.

(5) Fl-istess jum, il-Kummissjoni tat bidu għal proċediment kontra s-sussidju li jikkonċerna l-importazzjoni fl-Unjoni ta' ċerti qfieli tal-istainless steel u partijiet tagħhom li joriġinaw mill-pajjiżi kkonċernati [3].

(6) Il-Kummissjoni bagħtet il-kwestjonarji lill-industrija tal-Unjoni u lil kull assoċjazzjoni ta' produtturi magħrufa fl-Unjoni Ewropea, lill-esportaturi/produtturi fil-pajjiżi kkonċernati, lil kull assoċjazzjoni ta' esportaturi/produtturi, lill-imporaturi, lil kull assoċjazzjoni magħrufa ta' importaturi, u lill-awtoritajiet tal-pajjiżi kkonċernati. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jagħtu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu smigħ fil-limitu taż-żmien stabbilit fl-avviż tal-bidu.

B. **L-irtirar tal-ilment u t-twaqqif tal-proċediment**

(7) B'ittra tal-1 ta' April 2010 lill-Kummissjoni, l-EIFI formalment irtiraw l-ilment.

(8) Skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament bażiku, il-proċediment jista' jintemm meta jiġi rtirat l-ilment, sakemm dan it-tmiem ma jmurx kontra l-interess tal-Unjoni.

(9) Il-Kummissjoni qieset li l-proċediment attwali għandu jintemm billi l-investigazzjoni ma sabet ebda fatt li juri li dan it-tmiem ma jkunx fl-interess tal-Unjoni. Il-partijiet interessati ġew infurmati b'dan u ngħataw l-opportunità li jikkummentaw. Ma tressqu ebda kummenti li jindikaw li dan it-tmiem ma jkunx fl-interess tal-Unjoni.

(10) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-proċediment antidumping li jikkonċerna l-importazzjoni fl-Unjoni ta' ċerti qfieli tal-istainless steel u partijiet tagħhom li joriġinaw mill-pajjiżi kkonċernati għandu jintemm,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-proċediment antidumping rigward l-importazzjoni ta' ċerti qfieli tal-istainless steel u partijiet tagħhom li joriġinaw mill-Indja u mill-Malażja, attwalment ikklassifikati fil-kodiċijiet NM 7318 12 10, 7318 14 10, 7318 15 30, 7318 15 51, 7318 15 61 u 7318 15 70, huwa b'dan mitmum.

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
[2] ĠU C 190, 13.8.2009, p. 27.
[3] ĠU C 190, 13.8.2009, p. 32.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Lulju 2010.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO